MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 311/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra, bin il-mejtin Joseph u Anna nee Cutajar, imwieled Birzebbuga fis-6 ta' April 1953, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 293553 talli fit-22 ta' Frar 2007, bejn nofs il-lejl u s-siegha ta' filghodu f'Hal Far (**1**) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 524 P. Cassar, PS 292 R. Vella u PC 626 G. Benetti, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti; (**2**) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 524 P. Cassar, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed

jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (**3**) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri (Lm10) a dannu ta’ PS 524 P. Cassar; (**4**) m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi; (**5**) bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat, storbju, glied, dagha jew mod iehor; u aktar talli wkoll fit-22 ta’ Frar 2007 izda ghall-habta tan-nofs siegha ta’ wara nofs in-nhar, fil-bini tal-qorti, il-Belt Valletta (**6**) ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq l-ispettur Johann J. Fenech, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (**7**) m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi; (**8**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; Joseph Zahra kien akkuzat ukoll li (**9**) b’hekk huwa sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-qrati li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu sena prigunerija (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv) u, b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 rabtitu taht garanzija ta’ hames mitt euro (€500) li b’ebda mod huwa ma jimmolesta lill-Ispettur Johann Fenech u lil PS 524 Paul Cassar, u dan ghal sena mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza, liema talba giet debitament akkordata (fol. 273);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Zahra, minnu ppresentat fit-3 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2009; ikkunsidrat:

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji ta’ l-appellant, ikun opportun li wiehed jirriassumi brevement il-fatti kif jirrizultaw mill-provi. Joseph Zahra – li, tajjeb li jinghad mill-bidu nett, ghandu fedina penali ta’ sittin faccata, b’sensiela interminabbli ta’ kundanni ghal kontravvenzjonijiet, glied, kundanni ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, u nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment, fost kundanni ohra – cirkostanza din li, fil-fehma tal-Qorti, bilfors ikkoloriet xi ftit l-atteggjament kemm ta’ l-istess appellant kif ukoll tal-membri tal-Korp tal-Pulizija fil-kors ta’ l-incidenti meritu ta’ din il-kawza – kellu appell pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (sedenti l-Onor. Imhallef David Scicluna) minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li kienet ikkundannatu tlett xhur prigunerija. Billi fil-gurnata stabbilita tas-16 ta’ Frar 2007 huwa ma deherx ghas-smigh ta’ dak l-appell, din il-Qorti (diversament komposta, kif inghad) iddikjarat l-appell tieghu dezert, b’mod ghalhekk li s-sentenza appellata ta’ tlett xhur prigunerija, li l-ezekuzzjoni taghha kienet giet sospiza pendenti l-ezitu ta’ l-appell, giet fis-sehh u kellha tigi ezegwita (salv dejjem il-fakolta` ta’ l-appellant li, entro t-terminu stabbilit, jiggustifika l-assenza tieghu u jitlob ir-riappuntament tal-appell). F’dik il-gurnata stess ir-Registratur hareg *prison ticket* 32/07 u giet infurmata wkoll il-Pulizija Ezekuttiva li, bil-ligi, hi nkarigata li tezegwixxi s-sentenzi tal-Qrati Inferjuri u ta’ din il-Qorti. Fis-16 ta’ Frar 2007 ukoll gie cirkolat messagg tal-Pulizija lil certi distretti u taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija, fosthom l-Ghassa ta’ Birzebbuga (fejn jirrisjedi l-appellant) li Zahra kellu jittiehed il-Habs biex jibda jiskonta dik is-sentenza, u dan bis-sahha tal-*prison ticket* aktar ‘l fuq imsemmi, li kopja

tieghu kienet giet trasmessa lill-Ispettur Johann J. Fenech. Tard filghaxija tal-21 ta' Frar 2007 xi membri tal-*Mobile Sqaud* tal-Pulizija gew imsejjha biex imorru fit-Tiger Bar, il-Marsa, minhabba xi tilwima li kienet inqalghet gewwa dan il-lokal, u kif waslu hemm dawn sabu lill-imsemmi Joseph Zahra. In vista tal-ordni li l-Pulizija kellha, gej minn din il-Qorti, biex tarresta lil Zahra u tiehdu l-Habs, il-membri tal-Korp li waslu f'dan il-hanut tax-xorb u cioe` s-Surgent 524 Paul Cassar, il-Kuntistabbli 626 Gian Carlo Benetti u s-Surgent 292 Robert Vella, intimaw lill-appellant li kienu ser jarrestawh. Zahra talabhom biex qabel ma jehduh il-Habs huwa jkun jista' jiehu l-karozza tieghu lura d-dar, igib hwejjgu u anke jitma' xi annimali, u ghalhekk l-imsemmija tlett ufficjali haduh Birzebbuga fir-residenza tieghu. Sadanittant kien qaleb nofs il-lejl. Kif, pero`, il-pulizija gew biex idahhlu lil Zahra fil-karozza taghhom u, minhabba l-antecedenti tieghu, riedu jaghmlulu l-manetti – prekawzjoni li, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet ragjonevoli fid-dawl tal-imsemmija antecedenti – Zahra beda jirrezistihom, jheddidhom, u anke spicca biex ghamel hsara f'apparat elettroniku li kien qed juza s-Surgent Cassar. Dan l-incident jifforma l-bazi tal-ewwel hames imputazzjonijiet. L-imsemmija ufficjali kellhom juzaw il-forza biex jeffetwaw l-arrest. Intant gara li, ad insaputa ta' l-imsemmija ufficjali (kif ukoll ad insaputa tal-Ispettur Johann J. Fenech) fl-20 ta' Frar 2007 Zahra, permezz tal-avukat tieghu, kien ipprezenta rikors quddiem din il-Qorti fl-atti tal-appell li kien gie dikjarat dezert, u dan biex tigi revokata d-deserzjoni u l-appell jerga' jigi riappuntat. It-talba tieghu intlaqghet fil-21 ta' Frar 2007, pero` mill-provi jirrizulta li kien biss fit-22 ta' Frar 2007 <u>filghodu</u> li l-Ispettur Fenech gie infurmat b'dan il-fatt (cioe` wara li huwa kien gja ha l-passi biex iressaq lil Zahra taht arrest fuq akkuzi ta' attakk u rezistenza, theddid, ecc. minhabba l-incident li sehh fis-sieghat bikrin tat-22 f'Hal-Far). Zahra jghid li hu kien qal lill-ufficjali li kienu marru biex jarrestawh li kien ipprezenta l-imsemmi rikors, izda dawn kollha cahdu li hu qatt semmielhom xi haga dwar dan. Gara, intant, li waqt li Zahra kien il-Qorti filghodu tat-22 <u>in konnessjoni ma' kawza ohra</u> (u, s'intendi, kien ghadu taht arrest in konnessjoni mal-incident ta' kmieni fil-ghodu), meta l-Ispettur Fenech ried jiehdu l-Ghassa biex jinterrogah

formalment, Zahra rrifjuta li jmur u anke ghadda kliem ta' theddid fil-konfront tal-Ispettur (dan huwa l-incident meritu tas-sitta, seba' u tmien imputazzjoni). Kien biss wara l-intervent ta' l-avukat tieghu li Zahra accetta li jmur l-Ghassa ghall-interrogatorju formali.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu ma setax jigi misjub hati skond l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali (ingurja ecc. kontra ufficjali pubblici u attakk u rezistenza rispettivament) u skond l-Artikolu 388(*ee*) tal-istess Kodici ghar-raguni li l-agir tal-ufficjali tal-Pulizija kien jiddifetta mil-legalita` in vista' tal-fatt li bid-digriet taghha tal-21 ta' Frar 2007 din il-Qorti kienet irriappuntat is-smigh ta' l-appell u ghalhekk irrevokat id-dikjarazzjoni ta' deserzjoni ta' l-appell. Skond l-appellant, galadarba s-sentenza ta' tliet xhur prigunerija ma kellhiex, ghalhekk, tigi ezegwita, meta l-Pulizija arrestawh fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Frar 2007 huma la kienu qed iwettqu servizz pubbliku "skond il-ligi" (Art. 95) u anqas kienu qed jezegwixxu "ordni moghti skond il-ligi" (Art. 96), u ghalhekk kull ordni taghhom ma kienx legittimu (Art. 388(*ee*)). L-appellant f'dan ir-rigward m'ghandux ragun. L-ordni moghti jew mahrug skond il-ligi f'dan il-kaz kien jemana mill-*prison ticket* 32/07, li kien gie regolarment trasmess lill-Pulizija (u specifikatament lill-Ispettur Fenech) mir-Registratur tal-Qorti. Dan hu dokument ufficjali mahrug minn awtorita` kompetenti skond ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Habs (A.L. 118/95), u ghalkemm dan id-dokument hu indirizzat lid-Direttur tal-Habs, fih referenza ghall-ordni (bid-data b'kollox) ta' l-awtorita` gudizzjarja ghall-arrest tal-persuna imsemmija fih. Dan id-dokument jimplika neccessarjament l-ordni ghall-arrest da parti tal-Pulizija Ezekuttiva tal-persuna li ghalih it-*ticket* ikun jirreferi, f'dan il-kaz Joseph Zahra, l-appellant[1]. Sakemm il-Pulizija Ezekuttiva ma tigix infurmata b'mod formali minn min ikun hareg l-ordni b'xi revoka jew varjazzjoni ta' dak l-ordni tal-awtorita` gudizzjarja, hija ghandha mhux id-dritt izda l-obbligu li tezegwih minnufih u minghajr il-htiega li toqghod taghmel,

[1] L-istess japplika ghad-dokument mahrug mir-Registratur ghall-finijiet tat-tieni *proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 14 tal-Kodici Kriminali.

qabel ma tezegwixxi, xi verifiki jew accertamenti biex tara jekk fil-fatt kienx hemm xi revoka jew varjazzjoni. Ghalhekk, fil-kaz in dizamina z-zewg surgenti u l-kuntistabbli li effettwaw l-arrest ta' Zahra bejn il-21 u t-22 ta' Frar 2007 kienu qed jagixxu skond il-ligi fil-qadi ta' servizz pubbliku u fl-esekuzzjoni ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, u l-ordnijiet moghtija minnhom ghall-fini ta' tali ezekuzzjoni kienu wkoll ordnijiet legittimi. Anke li kieku – ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja tal-argument biss – Zahra verament informa lil dawn it-tliet ufficjali tal-pulizija li huwa kien ghamel rikors ghalbiex l-appell jigi riappuntat, jew anke li kieku addirittura kien infurmahom li t-talba tieghu kienet giet milquha mill-Qorti, huma xorta wahda kellhom l-ewwel jezegwixxu l-ordni, u jaghmlu l-verifiki minnufih wara. Mod iehor ikun ifisser li kull persuna rinfaccata b'arrest in ezekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti (jew ta' kwalsiasi ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti li jkun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut tieghu) tista' tiffrastorna l-arrest taghha bis-semplici espedjent li tghid li dak l-ordni gie revokat mill-Qorti, jew li s-sentenza giet mahfura bi proklama presidenzjali. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint. S'intendi, in kwantu dana l-aggravju jirreferi ghas-sitt imputazzjoni u ghas-seba' imputazzjoni (l-incident fl-edifizzju tal-Qorti) huwa *multo magis* infondat.

L-appellant jilmenta wkoll li l-hames u t-tmien imputazzjonijiet ma jirrizultawx. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan. Infatti mill-provi ma jirrizultawx l-estremi ta' dawn iz-zewg reati ta' natura kontravvenzjonali – la jirrizulta li gie miksur il-mistrieh tan-nies bil-lejl (fl-incident f'Hal Far) u anqas li l-appellant gab ruhhu fl-edifizzju tal-Qorti b'tali mod li nissel inkwiet jew thassib dwar l-inkolumita` fizika ta' terzi jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta` (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**).

L-appellant jilmenta wkoll mill-piena, li huwa jikkonsidra li hija eccessiva. Issa, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti meta din irriteniet, anke fuq l-iskorta ta' sentenzi minnha citati, li meta si tratta ta' reati kommessi

fil-konfront ta' pulizija w ufficjali pubblici ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom id-dover li jipprotegu lill-forzi tal-ordni billi jinfliggu pieni iebsin – u dan ifisser li, bhala regola, ghandu jkun hemm piena karcerarja b'effett immedjat – fuq min jikkommetti tali reati. L-ahhar espressjoni ta' dan il-hsieb jinsab fis-sentenza ta' din il-Qorti (kollegjalment komposta) tal-20 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernard sive Benny Attard**. Kif gie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta[2], il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom mhux biss xoghol difficili xi jwettqu, izda maz-zmien dana x-xoghol qed isir dejjem aktar impenjattiv u hafna drabi aktar perikoluz. Jekk l-Istat jippretendi, kif ghandu dritt jippretendi, li dawn in-nies mhux biss jidhlu ghal dana x-xoghol izda jwettquh sew u kif suppost fl-interess tal-kollettivita`, huwa min-naha l-ohra legittimu li dawn in-nies jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom. Issa, fil-kaz in dizamina huwa minnu li ebda wiehed mill-ufficjali tal-pulizija involuti ma wegga' fl-incident ta' Hal Far[3], u li r-reat taht l-Artikolu 95(1) twettaq effettivament permezz ta' ingurji jew theddid u mhux permezz ta' offiza fuq il-persuna. Pero` certament kien hemm rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fit-termini tal-Artikolu 96(a), reat li jgib piena ta' prigunerija bejn erba' xhur sa sena. Il-linja ta' demarkazzjoni fil-prattika bejn is-semplici attakk jew rezistenza bi vjolenza jew b'hebb min-naha, u l-offiza fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku min-naha l-ohra, hija wahda fina hafna. Fil-fatt il-ligi tippunixxi severament tali attakk jew resistenza proprju biex tipprevjeni l-possibilita` li l-ufficjal pubbliku in kwistjoni isofri offizi fuq il-persuna tieghu – jekk huwa effettivament isofri tali offizi, japplikaw disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Din il-Qorti terga' ttenni dak li qalet fis-sentenza taghha tal-4 ta' Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ivan (John) Formosa**:

"Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem irriteniet li r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz

[2] **Il-Pulizija v. Josianne Bonello** 16/1/2003.
[3] L-incident fl-edifizzju tal-Qorti jidher li kien wiehed *de minimis*.

pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti – bhalma normalment jaghmlu l-pulizija fil-kors normali tad-doveri taghhom – ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun jinstab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija……L-inkolumita` fizika tal-pulizija m'ghandhiex tigi perikolata semplicement ghax dak li jkun ikun irrabjat, inkwetat jew ghax taqbizlu c-cinga!"

Fil-fatt l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, gustament ghamlet referenza ghal din is-sentenza.

Mill-banda l-ohra, pero`, wiehed ghandu dejjem jara c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-incident ta' rezistenza f'Hal Far kien wiehed – ghall-anqas hekk jirrizulta mill-provi – ta' ftit sekondi, ghalkemm potenzjalment seta' kellu konsegwenzi aktar serji milli semplici dannu ghall-apparat elettroniku tas-Surgent Cassar; it-theddid tal-appellant irid ukoll jittiehed fil-kuntest ta' karattru altament litigjuz u rikalcitranti kull fejn tiffigura xi awtorita` u specjalment l-awtorita` tal-Pulizija Ezekuttiva u l-awtorita` Gudizzjarja; u li ghalkemm l-appellant, quddiem l-ewwel Qorti, tella' diversi ufficjali tal-pulizija biex ighidu li huma qatt ma kellhom problemi mieghu, jirrizulta car ukoll li l-appellant ghandu allergija partikolari ghall-Ispettur Johann J. Fenech. S'intendi, jrid jinghata piz ukoll lill-fedina penali ta' l-appellant u l-fatt li huwa recidiv plurimu. L-appellant irid jirrealizza li ma jistax jibqa' b'din l-attitudini ta' rabja u konfront fir-rigward ta' l-awtorita`, specjalment l-awtorita` tal-Pulizija Ezekuttiva, u li l-antecedenti penali tieghu ma jistghux hlief li jxaqilbu l-bilanc lejn il-massimu ta' kull piena li talvolta tista' tkun applikabbli fil-konfront tieghu. Huwa l-appellant, u l-appellant biss, li jista' jwaqqaf dan ic-cirku vizzjuz.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u – il-Qorti terga' tirrepeti – minghajr ma tigi minimizzata l-gravita` tar-reat taht l-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti hi tal-fehma li piena ta' tmien (8) xhur prigunerija aktar taghmel ghall-kaz odjern. Din il-Qorti tosserva wkoll li, fis-sentenza taghha, l-ewwel qorti imponiet il-precett skond l-Artikolu

383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali kemm fir-rigward ta' l-Ispettur Fenech kif ukoll fir-rigward tas-Surgent Cassar, izda, evidentement bi zvista, l-obbligazzjoni bil-miktub a fol. 272 tal-process issemmi biss lill-Ispettur. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx bzonn ta' tali obbligazzjoni fir-rigward tas-Surgent Cassar.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament kif gej: thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Joseph Zahra hati skond il-hames (**5**) u t-tmien (**8**) imputazzjonijiet, u  minflok tillibera lill-imsemmi Zahra minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu sena prigunerija kif ukoll fejn imponiet il-precett skond l-Artikolu 383 fir-rigward ta' PS 524 Paul Cassar; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` fejn sabet lill-imsemmi Zahra hati skond l-ewwel (**1**), it-tieni (**2**), it-tielet (**3**), ir-raba' (**4**), is-sitt (**6**), is-seba' (**7**) u d-disa' (**9**) imputazzjonijiet, u fejn imponiet l-obbligazzjoni fir-rigward tal-Ispettur Johann Fenech, u minflok il-piena ta' sena prigunerija tikkundannah ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija. Il-periodu ta' sena tal-obbligazzjoni msemmija jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------